# REĠJUN TRAMUNTANA

112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 107, miżmumha nhar 12 ta' Frar 2019, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-seba' ta' filgħaxija.

---

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Anton Mifsud | Mtarfa LC | President |
| • Emvin Bartolo | Mellieħa LC | Membru |
| • Sando Azzopardi | Dingli LC | Membru |
| • Paul Vella | Mġarr LC | Membru |
| • Peter Sant Manduca | Mdina LC | Member |
| • Anne Fenech | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • Charles Azzopardi | Rabat LC | Membru |
| • A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | Membru |
| • Keith Cassar | Mosta LC | Membru |
| • Mary Ann Abela | Swieqi LC | Membru Sostitu |

- Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Dean Hili - | Pembroke LC | Membru |
| • Giljan Aquilina | Għargħur LC | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## AĠENDA

1. Ittri t'appoloġiji
2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Komunikazzjoni mill-President;
4. Rapporti
5. Korrispondenza;
6. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
7. Hwejjeġ oħra:
8. Aġġornament.

Il-Laqgħa nfetħet miċ-Chairman Anton Mifsud.

Il-President tar-Reġjun fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lil membri ta' l-attendenza.

### 1. Qar ta' Appologiji

### 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

Il-laqgħat numri 105 u 106 ma sarux, minnhabba lis- Segretarju Ezekuttiv kien weggħa u d-deputat Segretarju Ezekuttiv ma kienx għadu ippuntat.
Il-Minuti tal-laqgħa numru 104 ittiehdu bhala moqrija. Keith Cassar ippropona li jkun approvati, Emvin Bartolo issekonda l-mozjoni. Il-membri qablu unanimanet.

Il-laqgħa twaqfet biex l-accountant tipprezenta r-rapport finanzarju. Wara li saret spegazjoni, il-laqgħa regghet bdiet u Charles Azzopardi ippropona li l-financial statement għas-sena 2018 ikun approvat. Anne Fenech issekondat il-mozjoni. Il-membri kollha qablu mal-mozzjoni.

### 4. Komunikazzjoni mill-President



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Minnħabba li s-Segretarju Ezekuttiv saffa mweġġa, il-President talab lil Ministru biex japponta deputat Segretarju Ezekuttiv. Dan sar u s-sur Cyprian Dalli, kien appunat deputat segretarju Ezekuttiv b'effett mil-11 ta' Frar 2019.

ECAD membership – Il-President spjega li AKL kienet hadmet biex il-kunsilli jissiehbu mal-ECAD u ihallsu press inqas. Ir-Regjun ser ihallas għan-nom tal-kunsilli il-membership ta': l-Mgarr, Had Dingli, il-Mellieha, L-Imtarfa, in-Naxxar, San Pawl il-Baħar, l-Mdina, il- Mosta u Rabat. Dawn ser tinhargilhom invoice mir-Regjun wara. Il-Kunsill tas-Swieqi kien hallas direttament. Il-Kunsilli ta' Pembroke u Hal Għarghur ma kienux interesati.

Life Long Learning – Il-membri qablu li issiru lezjonijiet tal-Life Long Learning. Ippropona Anton Mifsud u ssekonda Kieth Cassar.

Il-President kien mistieden jattendi u jitkellem f'Jum l-Imgarr kif ukoll f'Jum San Pawl.

Reġjun Tramuntana Winter Extreme Triathlon
Il-President qal li-Triathlon li saret fl-20 ta' Jannar u li bdiet mil-Gnejna, marru ir-Rabat u spiccat l-Imdina, kienet success u li din ghandha tiddahal fil-kalendarju tar-Reġjun.

## 5. Rapporti

### Korrispondenza

APP – Raiser – Is-Sur George D'Anastasi offra lir-Regjun biex jaghmel Application fuq ir-Regjun. Il-membri qablu u talbu li jiltaqaw mas-Sur George D'Anastasi

Twinning – Pest – Ungerija – Regjun Tramuntana. Il-Regjun ta' Pest wera l-interess li issir twinning mar-Regjun Tramuntana. Anton Mifsud ippropona li dan it-twinning isseh. Anne Marie Muscat fenech Adami issekondat il-mozjoni. Il-membri qablu unanimanet.

Ktieb – Regjun Tramuntana. Natalino Fenech tqabbad biex jikteb ktieb fuq ir-Regjun, u ghal dan il-ghan ser jerga jikkorispondi mal-kunsilli ghal-lista ta' nies ta' ma min jista jitkellem biex



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

jitkellmu fuq il-lokalita.

## 6. Approvazzjoni tal-Pagament

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-iskeda tal-pagament numru 108. Paul Vella ippropona u Charles Azzopardi issekonda li l-skeda tkun approvata. Il-membri qablu li l-iskeda tkun approvata.

**Affarijiet ohra**

Regional Libraries

Paul Vella issugerixa li ssir laqgha mal-librara kollha tar-Regjun, sabiex jibda process ta' librerija regjonali, possibibilment ta' moving library. Il-membri qablu ma' din il-proposta.

CIF

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li l-progett ta' CIF miexi, u fil vicin ser issir konferenza stampa biex thabbar dan il-progett. Hemm problema ta' uzu tal-garage li prezentament ghandu r-Reġjun minnhabba l-ġara. Is-Segretaju spjega li kien identifikat garaxx iehor gewwa Bugibba li hu kbir sew u jista jintuza ghal dan il-ghan. Is-sid lest li jikrih ghal 5,000 ewro fis-sena. Ir-Regjun ikun irrid jaghmel id-dawl u l-ilma kif ukoll toilet. Emvin Bartolo ippropona, u Paul Vella issekonda, u il-membri qablu li nimxu fuq din l-offerta.

Accident Insurance policy (AKL)

Charles Azzopardi ippropona u Keith Cassar issekonda mozjoni li Regjun jiehu l-Accident Policy offruta mil-AKL. Il-membri qablu.

Sirens Proposal

Anton Mifsud qal li jaqbel fil-principju t'ghajnuna lis-Sirens Club ghal bidla heated pool u complex mil-fondi tal Planning Authority. Paul Vella issekonda. Il-membri qablu. Ghandha issir laqgha mas-Sirens sabiex inkun hemm iktar dettalji.

Nanniet Malta



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Keith Cassar spjega li lahaq ftehim ma' Nanniet Malta ghal-uzu ta' l-ufficji tal-Kunsill min-Nanniet Malta. Heggeg lil-membri jitkelmu ma' Nanniet Malta ghal programmi simili fil-lokalitajiet taghhom.

Perfomance Bonus Anita Grima

Il-Membri qablu li Anita Grima ghandha tinata 6% performcce bonus ghax-xaghrejn li hadment 2018.

Pagament lil Euro Promotions Choir Festival

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li kien kellem kemm lid-DG kif ukoll lid-direttur rigward dan il-pagament. It-tnejn esperemu li dan ghandu jithallas la darba ix-xoghol sar u il-process ikun spejgat lil awdituri jekk issiru xi mistoqsijiet.

Paul Vella ippropona li jsir il-pagament, u sekonda Kieth Cassar. Il-membri kollha qablu.

**Aġġornament.**

Il-Laqgħa ntemmet fis-disgħa ta' filgħaxija.

Il-Laqgħa li jmiss ser tkun fl-.. ta' Marzu 2019, fis 19.30 hrs. .

| | |
|---|---|
| Anton Mifsud | George Abdilla |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati llum ...15 ta' Mejju 2019



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt